# 16 ta' Marzu, 1956

## Imħallfin:

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;***
**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D.**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Lawrence Said pr. et ne. *versus* Avukat Dr. Victor Ragonesi ne.

## Kontijiet — Ġudikat — Art. 394(1) tal-Kap. 15

*Skond il-liġi proċedurali maltija, meta min għandu jagħti kont ma jippreżentahx fiż-żmien stabbilit, il-Qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispeċifika, imqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata.*

*Skond il-ġurisprudenza nostrali tagħna, mbgħad, hu ċert li l-parti li a favur tagħha jiġi ordnat ir-rendikont ma tistax tiġi ammessa tiddetermina b'ġurament l-ammont dovut ħlief fil-każ li kull mezz ta' prova oħra jkun impossibbli; u għalhekk il-Qorti għandha tagħmel dina l-indaġini qabel ma tawtorizza lill-attur jispeċifika bil-ġurament is-somma li għandha tingħata fil-każ li l-konvenut jonqos li jippreżenta l-kont fit-terminu lilu mpost fl-istess sentenza; molto pju' meta ż-żewġ domandi, dik prinċipali u dik alternattiva, jkunu ġew maqtugħa f'salt. Imma b'dan kollu, jekk il-Qorti ma tkunx għamlet dina l-indaġini, u s-sentenza tgħaddi f'ġudikat, is-sentenza għandha titqies kif inhi, u mhux kif kellha tkun.*

*Imma b'dik is-sentenza li tammetti l-attur jiddetermina s-somma bil-ġurament, u bil-prestazzjoni ta' dan il-ġurament, ma jiġix kreat ġudikat li jostakola istanza susseġwenti biex jiġi kontestat u diskuss l-ammont determinat bil-ġurament minn dak li kellu jirċievi l-kont; għaliex għandhom jiġu distinti żewġ aspetti — dak tal-ammissjoni u tal-prestazzjoni tal-ġurament, u dak tad-determinazzjoni tas-somma mill-Qorti.*

*Għaldaqstant, malgrado li sentenza tkun ammettiet lill-attur kreditur tal-kont jiddetermina bil-ġurament is-somma li għandha tingħata, fil-każ li l-konvenut debitur tal-kont ma jippreżentax il-kont fiż-żmien lilu prefiss b'dik is-sentenza, u l-fatt li l-ġurament ikun ġie prestat, id-debitur tal-kont mhux prekluż minn dik is-sentenza u mill-liġi milli jagħmel istanza oħra biex jiddiskuti l-kont preżentat u maħluf bis-saħħa ta' dik is-sentenza, sabiex l-ammont jiġi stabbilit mill-Qorti.*

Il-Qorti;— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur, wara li ppermetta li, kif awtorizzat b'sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fis-16 ta' Diċembru, 1954, fil-kawża fl-ismijiet invertiti, il-konvenut, permezz ta' nota a fol. 9 ta' dik il-kawża, preżentata fl-24 ta' Jannar, 1955, ikkonferma bil-ġurament illi s-somma li għandha tingħata minn Lorenzo Said proprio et nomine lid-ditta "Francesco Vagelli" fuq imsemmija in konessjoni mal-operazzjoni deskritta f'dik il-kawża hija ta' £300, bilanċ ta' £600; u billi l-pretensjoni tal-konvenut nomine, kontenuta fl-imsemmija nota tiegħu, hija impunjabbli, għax il-vera pożizzjoni bejn il-kontendenti hija mhux li l-konvenut nomine għandu jieħu £300, iżda li għandu jagħti lill-attur £12. 19. 10, kif jirriżulta mill-anness kont (dok. A), korroborat bl-irċevuti ġustifikativi markati......... kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talab illi jiġi dikjarat li l-attur, mil-bejgħ ta' 500 kaxxa tuffieħ konsenjata lilu mid-ditta konvenuta ex "Star of Malta" fl-24 ta' Ottubru, 1952, għandu jieħu minn għand l-istess ditta konvenuta s-somma ta' £12. 19. 10, u dan skond il-prospett "A", u għalhekk tiġi dikjarata li ma hi ta' ebda effett in-nota ġuramentata tal-konvenut nomine preżentata fl-24 ta' Jannar, 1954, fil-kawża fl-ismijiet invertiti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' April, 1955;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li sottomettu illi d-domanda ta' l-attur mhix sostenibbli, billi hija kontra l-liġi u kuntrarja għal dak li ġie mpost fis-sentenza mogħtija minn din l-Qorti fl-ismijiet invertiti fis-16 ta' Diċembru, 1954;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Ottubru, 1955, li biha rrespinġiet l-istess talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat:

Illi għat-talba ta' l-attur huma ta' ostakolu l-liġi u l-ġudikat fil-kawża fuq riferita;

Rat fol. 34 il-petizzjoni ta' l-attur proprio et nomine, li biha dan appella mid-deċiżjoni fuq msemmija, u talab li tiġi revokata u li jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż tż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-liġi proċedurali maltija, fl-art. 394(1), tgħid hekk:— "Meta min għandu jagħti kont ma jippreżentahx fiż-żmien stabbilit, il-Qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispeċifika, imqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata";

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fil-kawża fl-ismijiet invertiti (ċitaz. 470/1954), maqtugħa fis-16 ta' Diċembru, 1954, li fiha l-konvenut nomine odjern, allura attur, kien talab li l-attur odjern (allura konvenut) jirrendilu kont ta' l-operazzjoni "de qua" f'terminu prefiġġend, u, in difett, li jifforma hu stess rendikont, iddeċidiet hekk:— "Tiddeċidi għat-tenur tat-talba ta' l-attur nomine, u kwindi tipprefiġġi lill-konvenut ħmistax il-ġurnata żmien biex jirrendi l-kont riferit fl-att taċ-ċitazzjoni; u in difett, tawtorizza lill-attur jispeċifika bil-ġurament is-somma li għandha tingħata, skond il-liġi";

It-terminu għadda infruttwożament; u b'nota tal-24 ta' Jannar 1955, konservata fl-attijiet tal-proċess l-ieħor fuq imsemmi, il-konvenut odjern (l-attur ta' allura) iddikjara b'ġurament li s-somma dovuta mill-attur odjern (allura konvenut) kienet ta' £300 għas-saldu ta' £600. Biċ-ċitazzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob li dik in-nota tiġi dikjarata inattendibbli, u li jiġi minflok dikjarat li l-attur, bħala effett tal-operazzjoni "de qua", hu anzi kreditur fis-somma ta' £12. 19s. 10d. u eżibixxa rendikont dettaljat flimkien mad-diversi dokumenti;

Issa, hu ċert li, skond il-ġurisprudenza paċifika nostrali, il-parti li a favur tagħha jiġi ordnat ir-rendikont ma tistax tiġi ammessa li tiddetermina b'ġurament l-ammont dovut ħlief fil-każ li kull mezz ta' prova oħra jkun impossibbli (ara f'dan is-sens Prim'Awla "Cuschieri vs Hyzler", 24 ta' Jannar 1894, Vol. XIV, 30; Kummerċ "Razzini vs Mamo", 25 ta' Ġunju 1895. Vol. XV 203: Prim'Awla "Zammit Gauci vs. Attard", 4 ta' Novembru 1896, idem paġ. 596; Prim'Awla "Micallef vs. Saliba", 22 ta' Mejju

1925, Vol. XXVI-II-116; u Prim'Awla "Cauchi utrinque", 29 ta' Novembru 1952, Vol. XXXVI-II-570);

Ma jidherx li l-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża l-oħra, fuq imsemmija, għamlet din l-indaġini dwar dan ir-rekwiżit. Dippjù, iż-żewġ domandi, il-prinċipali u l-alternattiva, ġew maqtugħa f'salt, mentri, peress li t-terminu hu, għal raġuni ġusta, prorogabbli (ara Carrè, Proc. Civ., Vol. III, p. 729), hu aktar xieraq li l-alternattiva, meta hemm lokha, tinqata' wara li jgħaddi t-terminu (preskritt jew prorogat) in konnessjoni mad-domanda prinċipali. Dan qiegħed jingħad "per modum regulae"; għax il-lum, peress li dik is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1954 għaddiet ġudikat, għandha titqies, għall-finijiet ta' din il-kawża, kif inhi, u mhux kif kellha tkun;

Il-konvenut nomine qiegħed issa jopponi dak il-ġudikat bħala ostakolu għall-istanza preżenti;

Id-deċiż fil-kawżi fuq ċitati ma hux biżżejjed biex tiġi riżoluta din il-kontroversja; għaliex fihom kienet għadha biss provvduta d-domanda tal-prefissjoni ta' terminu għar-rendikont, u mhux anki dik pedissekwa ta' l-ammissjoni tal-kreditur tal-kont li jiddetermina hu s-somma mqar b'ġurament; u għalhekk f'din il-kawża jeħtieġ li jiġi eżaminat dan il-pont tal-allegat ostakolu tal-ġudikat;

Sabiex jiġi maqtugħ dan il-pont, jeħtieġ li jsir l-istudju eżeġetiku tad-dispożizzjoni li qegħedha tiġġoverna l-każ — dik fuq citata tal-art. 394(1) Kap. 15 Ediz. Riv.;

Din id-dispożizzjoni hi identika għal dik tal-Kodiċi tal-Proċedura Taljan, art. 326, li appuntu jgħid hekk:— "Quando chi deve rendere il conto non lo presenti nel termine stabilito, l'autorità giudiziaria può ammettere chi lo ha chiesto a determinare anche con giuramento la somma dovuta (1377 C.C.)";

Id-dispożizzjoni tal-Liġi Taljana ġiet mill-liġi tal-Piemonte (dik tal-Kodiċi Franċiż, ta' dak ta' Napli, u ta' dak ta' Parma, art. 534, 617 u 700 rispettivament, hija diversa); u l-Galdi (Comm. Cod. Proc. Italiano) jgħid infatti:- "La prova di un caricamento estimatorio anche mediante giuramento è un provvedimento che ha un'origine tutta

patria; nacque nel Piemonte, ove era specialmente applicato in materia di rendimento di conto" (Vol. IV, p. 570);

F.d-dispożizzjoni tal-Kodiċi Taljan hemm riferenza għall-art. 1377 tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Dan l-artikolu jgħid hekk:— "Il giudice non può deferire all'attore il giuramenti sul valore della cosa domandata se non quando è impossibile di provarlo altrimenti. Deve pure in questo caso determinare la somma sino alla concorrente quantità della quale si potrà prestare fede all'attore in conseguenza del suo giuramento";

Għalhekk il-Galdi jgħid:— "Per risolvere le quistioni che si potessero presentare intorno ai limiti fra i quali il tribunale può usare della facoltà conferitagli dall'articolo 326, bisogna tenere presente l'articolo citato del Codice Civile: esso rinchiude un principio di cui l'art. 326 non è che un'applicazione speciale" (ibidem, paġ. 571). U dan l-awtur jiċċita l-proċessi verbali tal-"Commissione Senatoria" fir-redazzjoni tal-Kodiċi;

L-istess il-Borsari (Cod. Italiano di Proc. Civile, comm. art. 326, p. 428) jgħid:— "E' d'uopo che il presente dettato si trovi in armonia coi principi di diritto in ordine al giuramento, non potendo alcuno pensare abbia voluto scriversi 'ad opportunitatem' una legge di eccezione nella procedura";

Bħala konsegwenza ta' dan li ntqal, fis-sistema taljan mhux biss l-instant għar-rendikont ma jistax jiġi ammess għall-prova bil-ġurament "che in caso d'impossibilità d'altra prova", imma anki, non ostanti l-ġurament, jibqa' dejjem li l-ammont jiġi stabbilit mill-Qorti (Galdi, loc. ċit., p. 571). Dan hu "conforme alle antiche disposizioni di diritto patrio", u partikularment minħabba d-dispost tal-ar-1377 tal-Kodiċi Ċivili fuq ċitat;

Għalhekk jgħid il-Borsari, loc. ċit., p. 429:— "Il giuramento estimatorio non è che una specie di giuramento suppletorio......... ma deve avere una ragione, un fondamento nel processo e nello stato delle prove. Ma qui si deve por mente alla singolare natura del giuramento estimatorio. E' un apprezzamento di quantità; esige dei ma-

teriali di fatto,dei dati di valore. Il giudice deve farne un calcolo; la misura entro la quale limita il giuramento non è che un calcolo; anche dopo giurato può restringere la somma — "etsi juratum fuerit, licet judici absolvere vel minoris condemnare" (Leg. 5, para. 2 de in litem jur.). Deve procedere sopra cognizione di fatto; non può abbandonare ogni cosa, il bene ed il male, alla coscienza interessata del giurante. Or bene, chi chiede il conto è l'attore; se il conto non si presenta, non è perciò dispensato da ogni altra prova.........";

In konsegwenza ta' dawn il-prinċipji, id-dottrina taljana hi paċifika fis-sens li sakemm, wara li jkun għalaq itterminu għall-preżentazzjoni tal-kont bla ma dan ikun ġie preżentat, ikun għadu sar l-ewwel stadju biss (ċjoè ammissjoni għall-ġurament u prestazzjoni tal-istess ġurament bid-determinazzjoni tas-somma mill-instant għall-kont), ma hemmx l-ostakolu tal-ġudikat biex jiġu rieżaminati l-kontijiet; ikun hemm dan l-ostakolu jekk, mhux biss l-instant għall-kont ikun ġie ammess jieħu l-ġurament u jiddetermina s-somma, imma jekk dik is-somma tkun ġiet stabbilita mill-Qorti fl-ammont indikat mill-instant għall-kont, jew f'ammont anqas wara l-indaġini meħtieġa. Fi kliem ieħor, mhux id-determinazzjoni tas-somma mill-instant għall-kont, imma d-determinazzjoni tas-somma mill-Qorti, tikkostitwixxi l-ostakolu tal-ġudikat;

Jgħid il-Borsari (loc. ċit., p. 430):— "Si può dunque sempre presentare il conto finchè non faccia ostacolo la sentenza definitiva che determina la somma da giurarsi, e col giuramento prestato la condizione siasi verificata";

U aktar kjarament il-Galdi:— "In questo caso potrebbe dirsi: l'ammissione del caricamento estimatorio e del giuramento è subordinata dal legislatore allo spirare del termine; ora non solo il termine è spirato, ma si è domandato ed ottenuto il caricamento estimatorio, il giuramento; l'attore ha acquistato un diritto che non vale a distruggere il tardivo deposito del conto per parte del convenuto. Questo argomento, che a primo sguardo può apparire di qualche importanza, perde qualunque efficacia

quando si ponga mente allo spirito dell'art. 326. In realtà, quelle prove privilegiate perchè mai sono concesse all'attore? Perchè quando non si deposita il conto si presume che non si possa, o non si può veramente appurare nei modi ordinari la condizione rispettiva delle parti; quindi la necessità di ricorrere ad una approssimativa estimazione e al giuramento d'ufficio. Ma quando il conto è presentato insieme ai documenti su cui si fonda, quella necessità si dilegua, e la presunzione deve cedere al fatto. Oltre a che, i rimedi suggeriti dall'art. 326 sono straordinari, sicchè il giudice, qualora gli fossero presentati nuovi titoli, potrebbe non avervi alcun riguardo, anche dopo che sia stato presentato. La dottrina dei nostri antichi scrittori era conforme, specialmente per quel che concerne il giuramento. Il Richeri, infatti (T.U. tom. II, para. 1036 e seg.), crede che il giudice il quale ordinò il giuramento 'etiam taxatione adjecta' può in seguito a nuovi titoli 'ferre sententiam contra id quod juratum est'. Quindi noi crediamo che se la parte presenta il conto quando è stata già ammessa la prova del caricamento estimatorio, sia o no compiuta, o quando è stato ammesso il giuramento, sia o no prestato, il tribunale potrebbe rinvenire sulla sua sentenza, e mandare alla parte cui si rende il conto di fare le sue osservazioni in contrario a norma dell'articolo 322, per procedersi indi alla sua discussione dinanzi al giudice commesso";

Għandu jiġi osservat li, avvolja l-Kodiċi Proċedurali Franċiż hu ferm rigoruż fil-konsegwenzi tan-nuqqas talpreżentazzjoni tal-kont fit-terminu prefiss (infatti, dekors it-terminu, il-Qorti tista' tordna s-sekwestru tal-ġid ta' l-obligat għall-kont, u perfino l-arrest tiegħu personali), ċjò non di meno, is-sentenza li tkun ordnat is-sekwestru jew l-arrest għas-somma ndikata mit-tribunal ma hix ta' ostakolu bħala ġudikat li l-kwistjoni tiġi riaperta; u dan skond il-ġurisprudenza tradizzjonali franċiża (ara Carrè, ibidem p. 750);

Mela hu ċert li, skond il-ġurisprudenza taljana, li tinterpreta artikolu identiku għal dak malti, sentenza bħal tas-16 ta' Diċembru, 1954, fuq imsemmija, li tikkontjeni d-determinazzjoni tas-somma, imma mhux mill-Qorti, iżda biss mill-instant għall-kont, sija pure kif awtorizzat mill-Qorti, ma hix ta' ostakolu, bħala ġudikat, għar-riapertura tal-kontijiet;

Issa wieħed għandu jara jekk dawn il-prinċipji tradizzjonali u unanimi, dottrinali u ġurisprudenzjali, għandhomx jiġu aċċettati anki fis-sistema malti;

L-uniku ostakolu "apparenti" hu li fl-art. 394 tagħna ma hemmx, kif hemm fl-art. 326 taljan, riferiment għal dispożizzjoni oħra, mentri fil-Kodiċi Taljan hemm ir-riferiment għal-art. 1377 tal-Kodiċi Ċivili. Issa, għandu jiġi osservat li dispożizzjonijiet simili għal dawk li hemm fil-Kodiċi Ċivili Taljan taħt it-titolu "Del giuramento deferito di ufficio" (fosthom l-art. 1377) jeżistu fil-Kodiċi tal-Proċedura Malti. Infatti, l-art. 723 tal-Kap. 14 jgħid hekk: — "Meta l-parti li tkun ippruvat in ġenere t-talba kif proposta, ma tkunx tista' bi ħtija jew minħabba l-qerq tal-parti l-oħra, tipprova l-ammont jew il-kwantità, f'kollox jew f-parti, li jkollha tieħu, tista', jekk il-Qorti jidhrilha sewwa li tagħtiha, tkun ammessa għall-ġurament "in litem". U l-art. 724 jgħid: — Il-parti li tkun ammessa għall-ġurament "in litem" għandha ġġib lista li jkun fiha mniżżla ħaġa b'ħaġa l-krediti, jew l-oġġetti li jkollha tieħu, u l-ammont jew il-kwantità li fuqhom għandu jittieħed il-ġurament, flimkien ma' dikjarazzjoni li hija lesta taħlef li dak li fiha l-lista huwa veru, sew rigward l-eżistenza kemm ukoll rigward l-ammont jew il-kwantità tas-sommom jew ta' l-oġġetti miġjuba fiha". U l-art. 725 ikompli jgħid: — "L-ammont jew il-kwantità imniżżlin fil-lista għandhom jiġu aċċettati mill-Qorti, sa fejn, wara li tqies iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, jidhrilha sewwa; iżda l-Qorti tista titlob kull informazzjoni oħra, u għaldaqstant taħtar espert wieħed jew iżjed";

Minn dan jiġi li jekk, taħt is-sistema malti, fl-applikazzjoni ta' l-art. 394 għandu jitqies anki l-art. 723 (u dawk

amplifikattivi 724 u 725), allura bl-ammissjoni ta' l-instant għall-kont li jiddetermina s-somma bil-ġurament, u bil-prestazzjoni tal-ġurament, ma jiġix kreat l-ostakolu tal-ġudikat għall-istanza għad-diskussjoni tal-kontijiet; għax allura, anki fis-sistema malti, għandhom jiġu distinti żewġ aspetti — dak ta' l-ammissjoni u prestazzjoni tal-ġurament, u dak tad-determinazzjoni tas-somma mill-Qorti — kif inhuma distinti fis-sistema taljan;

Issa, appuntu dan hu l-każ fil-ġurisprudenza maltija. Il-Qrati Tagħna, f'dik il-materja, segwew dejjem is-sistema taljan. Fis-sentenza "Razzini vs. Mamo", 25 ta' Gunju, 1895, P.A. Vol. XV, 203, intqal appuntu li:— "L'articolo 416 (f) (il-lum 394 (I) Kap. 15) deve essere messo in armonia cogli articoli 730 e 732 (il-lum 723 u 725) del Codice stesso intorno al giuramento estimatorio o in litem". L-istess intqal fis-sentenza "Zammit Gauci vs. Attard", P.A. 4 ta' Novembru 1896, Vol. XV, paġ. 597:— "Atteso che il potere concesso dalla legge all'autorità giudiziaria di ammettere colui che ha chiesto il conto a determinare la somma dovuta in difetto di resa del conto deve essere posto in armonia coll'art. 730 delle stesse leggi........" (il-lum art. 723). L-istess ġie ritenut fis-sentenza P.A. "Micallef vs. Saliba", 22 ta' Mejju, 1925, Vol. XXVI-II-116, li ċjoè iddispożizzjoni dwar ir-rendikont għandha tiġi korrelata ma' dawk dwar il-ġurament estimatorju;

Din il-Qorti tirrileva wkoll li fil-każ tal-Liġi Maltija ma kienx hemm bżonn ta' rikjam espress għad-dispożizzjonijiet l-oħra; għaliex, mentri fil-każ tal-liġi taljana irriferiment kien għal kodiċi "ieħor", fil-każ tal-liġi maltija r-riferiment sanċit mill-ġurisprudenza maltija hu għal dispożizzjonijiet eżistenti fl-"istess" Kodiċi ta' Proċedura; u hi risaputa l-massima "Statuta in uno eodemque volumine complicata unum ab alio debent recipere interpretationem". Dan juri, għalhekk, li anki fis-sistema malti l-ammissjoni għad-determinazzjoni tal-ammont mill-parti li titlob il-kont u l-prestazzjoni ta' dak il-ġurament, riżultanti minn sentenza, ma humiex ta' ostakolu għad-diskussjoni tal-kontijiet, sakemm ma jkunx hemm l-istadju l-ieħor tal-aċċettaz-

zjoni u fissazzjoni tas-somma mill-Qorti (art. 725 fuq ċitat). Ara anki Vol. XXVIII-III-891;

Għalhekk għandu jingħad, anki fis-sistema malti, illi "......... la sentenza che ordina la presentazione di un conto entro un certo termine, con la clausola che, trascorso questo termine infruttuosamente, dovrà l'obbligato sottostare al caricamento e darsegli il giuramento in litem dall'altra parte, non forma cosa giudicata intorno al diritto di questa parte di prestare il giuramento in litem al trascorso di questo termine, e non preclude perentoriamente la via a presentare il conto o a dimostrare altrimenti la inammissibilità del giuramento" (Cassazione Torino, 29 Marzo 1884, Della Torre c. Pareto Gpza. Italiana 1884, I, 1, 336);

Del resto, għall-istess konklużjoni wieħed għandu jiġi jekk jimxi fuq il-massima in tema ta' ġudikati — "tantum decisum quantum disputatum". Dak li ddeċidiet is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1954 jista' jfisser biss li b'effett ta' dik is-sentenza, u bid-diskors tat-terminu fiha fissat, il-konvenut odjern, allura attur, akkwista d-dritt li jgħid huwa liema, skond hu, kellu jkun l-eżitu tal-kont, imma ma jistax jingħad, bla ma wieħed jivvjola dik il-massima, li b'daqshekk l-attur tilef id-dritt li jimpunja ċ-ċifra fissata bil-ġurament tal-parti l-oħra, sakemm ma hemmx sentenza li tiddetermina hija s-somma. Il-proċedura taħt l-artikolu 394 iġġib illi l-kreditur tal-kont, minflok ma jibqa' "alla mercè" tal-obligat għall-kont, li jista' jibqa' jillużingah, jista', meta jgħaddi t-terminu, jiffissa ċifra hu b'ġurament. Mbgħad, jekk l-obligat ma jiċċaqlaqx, u ma jimpunjax dik iċ-ċifra, allura l-kreditur tal-kont jista' jitlob determinazzjoni mill-Qorti in bażi għal dik iċ-ċifra. Imma dik id-dispożizzjoni ma ġġibx, u ma setgħetx raġjonevolment iġġib, għall-konsegwenza li l-kreditur tal-kont, bla ebda kontroll tal-Qorti, jaqbad u jiffissa ċifra hu, li tista' tkun assolutament eżaġerata u infondata, u jagħmel ruħu "marte proprio", bla ebda fren ta' xejn, kreditur ta' dik is-somma;

Għalhekk il-Cassazione di Napoli, 18 Gennajo 1870, Capitolo D'Andria-Campanile, Gpza. Ital. 1870, 1, 52,

qalet: — "La prestazione del giuramento per parte del creditore nella resa di conto non importa che si debba prestar cieca fede alle somme dichiarate con esso; quindi il magistrato, sia in vista di altre prove e delle difese che su esse si fanno, può giudicare la causa senza aver riguardo a siffatto giuramento";

Tant biex it-trattazzjoni tkun kompleta, għandu jingħad li l-Qorti ma qiesetx, fil-konsiderazzjoni ta' dan il-każ, it-tieni subartikolu tal-art. 394, invokat mill-attur, għax dak is-subartikolu japplika għall-każ ta' reża ta' kontijiet mill-obligat għall-kont fis-sens tal-artikoli ta' qabel, u mhux għall-każ ta' sempliċi determinazzjoni bil-ġurament tal-kreditur tal-kont;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi, għal issa, tipprovdi fuq l-appell fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata, in kwantu li din irriteniet li huma ta' ostakolu għall-istanza l-liġi u l-ġudikat naxxenti mis-sentenza fuq imsemmija tas-16 ta' Diċembru 1954, u tiddikjara, inveċi, li l-liġi u dik is-sentenza ma humiex ta' ostakolu għall-istanza preżenti; bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra l-konvenut nomine;

U tinnomina, provviżorjament a spejjeż tal-attur proprio et nomine, bħala perit komputista, lin-Neguzjant John Fleri, bl-inkariku li jirrelata jekk hijiex sewwa s-somma ta' kreditu ta' £300 fissata bil-ġurament tal-konvenut nomine fin-nota tiegħu fuq imsemmija, u biex, fil-każ li mhix sewwa, jillikwida l-pożizzjoni ta' debitu u kreditu tal-kontendenti, u l-bilanċ finali ta' bejniethom in relazzjoni għall-operazzjoni in kwistjoni. Il-perit għandu l-fakoltajiet soliti, kompriża l-fakoltà li jagħti l-ġurament lix-xhieda, u li jirċievi dokumenti. Għandu jippreżenta r-relazzjoni tiegħu, li jista' jaħlef fir-Reġistru, mhux aktar tard mill-20 ta' April 1956; għal liema ġurnata tibqa' rinvijata l-kawża.